

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.10.2009
KUMM(2009)587 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Komunità fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR 1975)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Ir-raġunijiet wara l-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-Konvenzjoni Doganali dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 ġiet approvata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-Komunità fl-20 ta' Ġunju 1983.

Il-fini tad-Deċiżjoni li ġiet proposta huwa li l-Komunità għandha tadotta l-aħħar emendi li saru fil-Konvenzjoni TIR, hekk kif ġew approvati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li Jolqtu t-Trasport.

1.2. Il-kuntest ġenerali

Il-Konvenzjoni TIR, li hija amministrata mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) ibbażata f'Ġinevra, stabbiliet proċedura doganali ta' tranżitu għall-moviment internazzjonali ta' oġġetti bit-triq. Permezz tal-Konvenzjoni, prodotti li huma taħt sospensjoni tad-dwana jew tat-taxxa jistgħu jaqsmu l-konfini internazzjonali bi ftit li xejn intervent min-naħa tal-awtoritajiet doganali, hekk kif ikunu għaddejjin fi triqthom. Peress illi twassal għal tnaqqis fl-ostakoli tradizzjonali kontra l-moviment internazzjonali tal-prodotti, is-sistema tat-TIR tinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali. Peress illi twassal għal tnaqqis fid-dewmien ta' tranżitu, l-ispejjeż ta' trasport jonqsu wkoll b'mod sinifikanti. Il-vantaġġ l-aktar importanti tas-sistema huwa l-fatt li l-Konvenzjoni TIR tipprovdi, permezz tal-katina internazzjonali ta' garanzija, aċċess relattivament sempliċi għall-garanziji meħtieġa.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li Jolqtu t-Trasport, jaqbel li għandhom isiru xi modifikazzjonijiet fil-Konvenzjoni TIR. Dawn il-modifiki jikkonċernaw il-Parti I tal-Anness 9 tal-Konvenzjoni TIR. Din il-parti titratta l-proċess tal-awtorizzazzjoni għall-assoċjazzjonijiet biex joħorġu Carnets TIR u biex jaġixxu bħala garanti. Il-Grupp ta' Ħidma ddeċieda li jorganizza mill-ġdid din il-parti tal-Konvenzjoni u biex iżid xi elementi ġodda li jeżistu fil-prattika imma li qatt ma kienu definiti b'mod ċar fit-test legali. Skont il-proposta l-assoċjazzjonijiet se jkunu obbligati li jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti kopji veri u ċertifikati tat-test sħiħ u integrali tal-kuntratt ta' assigurazzjoni globali konkluż minnhom mal-assiguraturi globali internazzjonali. L-assoċjazzjonijiet issa jridu jinformat lill-organizzazzjoni internazzjonali bit-talbiet għall-ħlas sottomessi lilhom mill-awtoritajiet doganali. Barra minn hekk, l-aċċess għas-sistema TIR issa se jkun miftuħ għal assoċjazzjonijiet oħra apparti dawn li jirrappreżentaw l-interessi tas-settur tat-trasport.

1.3. Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Parti I tal-Anness 9 tal-Konvenzjoni TIR.

1.4. Konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

Id-Deċiżjoni proposta hija konsistenti mal-politika komuni dwar il-kummerċ u t-trasport. Permezz tas-sistema tat-TIR, li tiffaċilita t-trasport bit-triq, diversi prodotti jistgħu jivvjaġġaw bejn 68 Parti Kontraenti b'indħil mill-inqas min-naħa tal-amministrazzjonijiet doganali u, permezz ta' katina internazzjonali ta' garanziji, tipprovdi aċċess relattivament sempliċi għall-

garanziji meħtieġa. Is-simplifikazzjonijiet miksuba permezz tal-Konvenzjoni TIR huma konformi mal-Istrateġija riveduta ta' Liżbona.

2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira, u l-profil ġenerali tal-parteċipanti

L-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport bit-Triq (I-IRU) ġiet ikkonsultata dwar il-proposta. Il-konsultazzjonijiet saru waqt il-laqgħat u s-sessjonijiet tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li Jolqtu t-Trasport.

Sommarju tar-reazzjonijiet u ta' kif dawn ġew ikkunsidrati

Opinjoni favorevoli.

2.2. Il-ġbir u l-użu tal-ġharfien espert

Ma kien hemm bżonn l-ebda ġharfien espert estern.

2.3. Il-valutazzjoni tal-impatt

L-emendi proposti ma jibdlux is-sostanza tal-Parti I tal-Anness 9 tal-Konvenzjoni TIR, imma jorganizzawha mill-ġdid sabiex tkun aktar faċli li tinftiehem u tiġi applikata l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-assoċjazzjonijiet biex joħroġu Carnets TIR u biex jaġixxu bħala garanti. Barra minn hekk, żdiedu xi elementi ġodda. Skont l-Artikolu 1 tal-Parti I tal-Anness 9, l-aċċess għas-sistema TIR issa se jkun miftuħ għal assoċjazzjonijiet oħra apparti dawn li jirrappreżentaw l-interessi tas-settur tat-trasport. F'din il-parti tal-Anness 9 l-assoċjazzjonijiet se jkunu obbligati li jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti kopji veri u ċertifikati tat-test sħiħ u integrali tal-kuntratt ta' assigurazzjoni globali konkluż minnhom mal-assiguraturi globali internazzjonali. L-assoċjazzjonijiet issa jridu jinformaw lill-organizzazzjoni internazzjonali bit-talbiet għall-ħlas sottomessi lilhom mill-awtoritajiet doganali.

Bl-introduzzjoni ta' dawn l-emendi l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-assoċjazzjonijiet biex joħroġu Carnets TIR u biex jaġixxu bħala garanti hija deskritta aktar fil-Konvenzjoni. L-aċċess għas-sistema TIR għal assoċjazzjonijiet oħra apparti dawk li jirrappreżentaw is-settur tat-trasport hija żgurata. L-arranġamenti prattiċi li diġà qegħdin jintużaw mill-atturi ewlenin tas-sistema issa huma definiti b'mod ċar mit-test legali tal-Konvenzjoni.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Sommarju tal-azzjoni proposta

Id-Deċiżjoni proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Komunità dwar il-proposta għal emenda tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR.

3.2. Il-bażi legali

L-Artikoli 133 u 300 (2) it-tieni subparagrafu tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

3.3. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hija tippermetti l-implimentazzjoni ta' emenda fil-ftehim internazzjonali li fih innifsu jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-emendi proposti ġew implimentati b'mod preliminari mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li Jolqtu t-Trasport

3.4. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Hija tippermetti l-implimentazzjoni ta' emenda fil-ftehim internazzjonali li fih innifsu jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.5. L-għażla tal-istrumenti

Strument propost: Deċiżjoni.

Ftehimiet internazzjonali u emendi għal dawn l-arranġamenti normalment jiġu introdotti fis-sistema legali Komunitarja permezz ta' Deċiżjoni.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda effett fuq il-baġit tal-Komunità.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Komunità fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR 1975)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133, flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Doganali dwar it-trasport internazzjonali tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 ġiet approvata f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78 tal-25 ta' Lulju 1978¹ u daħlet fis-seħħ fil-Komunità fl-20 ta' Ġunju 1983².
- (2) Verżjoni konsolidata tal-Konvenzjoni TIR ġiet publikata bħala Anness fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/477/KE tat-28 ta' Mejju 2009³, li skont liema l-Kummissjoni għandha tippubblika emendi futuri tal-Konvenzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fejn tindika d-dħul fis-seħħ tagħhom.
- (3) Fi Ġunju tal-2009, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li Jolqtu t-Trasport iddeċieda li għandhom isiru xi modifikazzjonijiet fil-Konvenzjoni TIR. Dawn il-modifiki jirrigwardaw Parti I tal-Anness 9 għall-Konvenzjoni TIR, li titratta mal-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-assoċjazzjonijiet biex joħorġu Carnets TIR u biex jaġixxu bħala garanti.
- (4) L-emendi proposti ma jibdlux is-sostanza tal-Parti I tal-Anness 9 tal-Konvenzjoni TIR, imma jorganizzawha mill-ġdid sabiex tkun aktar faċli li tinftiehem u tiġi applikata l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-assoċjazzjonijiet biex joħorġu Carnets TIR u biex jaġixxu bħala garanti. Barra minn hekk, zdieđu xi elementi ġodda. Wieħed minnhom huwa aċċess għas-sistema TIR għal assoċjazzjonijiet oħra apparti dawk li jirrappreżentaw is-settur tat-trasport. Emendi oħra jirrigwardaw arranġamenti prattiċi diġà użati minn mhux preskritti mit-test legali tal-Konvenzjoni.
- (5) L-Istati Membri kollha wrew li huma favur il-proposta biex isiru l-emendi. L-abbozz li fassal il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li Jolqtu t-Trasport diġà ġie diskuss fi ħdan il-Komitat tal-Kodiċi Doganali u ġie approvat.

¹ ĠU L 252, 14.09.1978, p. 1.

² ĠU L 31, 2.2.1983, p. 13.

³ ĠU L 165, 26.6.2009, p. 1.

- (6) Is-sessjoni li jmiss, tal-Kumitat Amministrattiv għal Konvenzjoni TIR ser ssir f'Settembru tal-2009, u huwa mistenni li l-Partijiet Kontrattenti kollha tal-Konvenzjoni se jkunu lesti li jadottaw formalment l-emendi proposti fil-Konvenzjoni TIR.
- (7) Għalhekk, għandha tiġi ddeterminata l-pożizzjoni tal-Komunità dwar l-emenda proposta,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Amministrattiv għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz tal-emenda hawn taħt meħmuża.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-emenda, meta tiġi adottata, fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea u tindika d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

L-Anness 9, Parti I huwa sostitwit kif ġej:

"PARTI I

AWTORIZZAZZJONI GĦALL-ASSOĊJAZZJONIJIET BIEX JOĦORĠU CARNETS TIR U BIEX JAĠIXXU BĦALA GARANTI

KUNDIZZJONIJIET U ĦTIĠIET

1. Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li l-assoċjazzjonijiet għandhom ikunu konformi magħhom sabiex ikunu awtorizzati mill-Partijiet Kontraenti li joħroġu Carnets TIR u li jagħmluha bħala garanti skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huma:
 - (a) Eżistenza bil-provi ta' għall-anqas sena bħala assoċjazzjoni stabbilita fil-Parti Kontraenti fejn tinħareġ l-awtorizzazzjoni.
 - (b) Prova ta' pożizzjoni finanzjarja soda u ta' kapaċijiet organizzattivi li jippermettu lill-organizzazzjoni li tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni.
 - (c) Nuqqas ta' reati serji jew ripetuti kontra l-leġiżlazzjoni Doganali jew fiskali.
 - (d) It-twaqqif ta' ftehim bil-miktub jew ta' xi strument legali ieħor bejn l-assoċjazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti li fih tiġi stabbilita l-aċċettazzjoni mill-assoċjazzjoni tad-dmirijiet tagħha kif stabbilit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.
2. Kopja ċertifikata tal-ftehim bil-miktub jew ta' kwalunkwe strument legali ieħor msemmi fil-paragrafu 1(d) flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' traduzzjoni ċertifikata bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bir-Russu, għandhom ikunu ddepożitati mal-Bord Eżekuttiv TIR. Il-bidliet kollha għandhom immedjatement jiġu notifikati mill-Bord Eżekuttiv TIR.
3. Id-dmirijiet tal-assoċjazzjoni huma:
 - (i) li tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni;
 - (ii) li taċċetta s-somma massima għal kull Carnet TIR li kienet iddeterminata mill-Parti Kontraenti li tista' tkun pretiża mill-assoċjazzjoni skont l-Artikolu 8, paragrafu 3 tal-Konvenzjoni;
 - (iii) li tivverifika kontinwament u, partikolarment, qabel ma titlob awtorizzazzjoni għal aċċess ta' persuni għall-proċedura TIR, l-issodisfar tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti minimi kif stabbiliti fil-Parti II ta' dan l-Anness;

- (iv) li ttiprovdi l-garanzija tagħha għar-responsabbiltajiet kollha li daħlet għalihom fil-pajjiż fejn hija stabbilita b'konnessjoni mal-operazzjonijiet koperti mill-Carnets TIR maħruġa minnha stess u mill-assoċjazzjonijiet barranin affiljati mal-istess organizzazzjoni internazzjonali li magħha hija affiljata hija stess;
- (v) li tkopri r-responsabbiltajiet għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn hija stabbilita ma' kumpanija tal-assikurazzjoni, ma' grupp ta' assikuraturi jew ma' istituzzjoni finanzjarja. Il-kuntratt(i) ta' l-assikurazzjoni jew tal-garanzija finanzjarja għandu(hom) ikopri(u) r-responsabbiltajiet kollha tagħha b'konnessjoni mal-operazzjonijiet koperti mill-Carnets TIR maħruġa minnha stess u mill-assoċjazzjonijiet barranin affiljati mal-istess organizzazzjoni internazzjonali li magħha hija affiljata hi stess.

Iż-żmien biex jinħareġ avviż għat-tmiem tal-kuntratt(i) tal-assikurazzjoni jew tal-garanzija finanzjarja m'għandux ikun inqas miż-żmien biex jinħareġ avviż għat-tmiem tal-ftehim bil-miktub jew ta' kwalunkwe strument legali kif imsemmi fil-paragrafu 1(d). Kopja ċċertifikata tal-kuntratt(i) tal-assikurazzjoni jew finanzjarju kif ukoll il-modifikazzjonijiet sussegwenti kollha tiegħu għandhom ikunu ddepożitati mal-Bord Eżekuttiv TIR, inkluża traduzzjoni ċċertifikata, jekk ikun meħtieġ, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bir-Russu.

- (vi) ttiprovdi annwalment lill-Bord Eżekuttiv TIR, fl-1 ta' Marzu, bil-prezz ta' kull tip ta' Carnets TIR li toħroġ;
 - (vii) li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw ir-reġistrazzjonijiet u l-kontabbiltà kollha miżmuma li jkunu relatati mal-amministrazzjoni tal-proċedura TIR;
 - (viii) li taċċetta proċedura biex it-tilwim li jinqala' minħabba użu qarrieq jew inkorrett tal-Carnets TIR jiġi solvut b'mod effiċċjenti, u kull meta possibbli mingħajr ir-rikors għall-qrati;
 - (ix) li tkun konformi b'mod strett mad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn huwa stabbilit rigward ir-revoka ta' awtorizzazzjoni jew l-esklużjoni jew l-irtirar ta' persuni skont l-Artikolu 6 u l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni u skont il-Parti II ta' dan l-Anness;
 - (x) li taqbel li timplimenta fedelment id-deċiżjonijiet kollha adottati mill-Kumitat Amministrattiv u mill-Bord Eżekuttiv TIR sakemm l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti fejn hija stabbilita l-assoċjazzjoni jkunu aċċettawhom.
4. Meta assoċjazzjoni garanti tintalab, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 11, biex tħallas is-somom imsemmija fl-Artikolu 8 paragrafi 1 u 2, hija għandha, f'konformità mal-ftehim bil-miktub fin-Nota ta' Spjegazzjoni 0.6.2bis-1 għal Artikolu 6, paragrafu 2bis, tinforma l-ogranizzazzjoni internazzjoni bil-wasla tat-talba.
 5. Il-Parti Kontraenti fejn hija stabbilita l-assoċjazzjoni għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni li toħroġ il-Carnets TIR u għandha taġixxi bħala garanti f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti. Jekk Parti Kontraenti tiddeċiedi li tirrevoka l-awtorizzazzjoni, id-deċiżjoni ssir ineffettiva, l-aktar kmieni, tliet (3) xhur wara d-data tar-revoka.

6. L-awtorizzazzjoni ta' assoċjazzjoni skont it-termini stabbiliti aktar 'il fuq għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet skont il-Konvenzjoni ta' dik l-assoċjazzjoni.
7. Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti hawn fuq huma mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet u għar-rekwiżiti addizzjonali li l-Partijiet Kontraenti jista' jkollhom ix-xewqa li jippreksrivu."